# IL-BATTERIJA TAL-ĦANDAQ (1)

*Riħ, xita u ksieħ*
*Fil-Ħandaq il-lum, —*
*Damdim u twerdin —*
*Il-qilel ta' l-art meħlusin —*
*Iberraq u jkarwat mis-sema, mill-art:*
*Tħoss f'qalbek tferfir,*
*U f'ġismek iserrep il-biża' u t-twerwir:*
*Isaffru l-balal niżlin,*
*Il-kanuni jfarrku qegħdin —*
"Who goes there?"
"*Riħ, xita u ksieħ,*
*U dwejjaq u uġigħ!*"

*Riħ, xita u ksieħ*
*Fil-Ħandaq il-lum,*
*Dħalt fil-kmamar fejn għammru fl-uġigħ:*
*Smajt liż-żingu jwenwenli fuq rasi*
*Bħal krib ta' l-erwieħ —*
*Tgħid għadhom iduru l-mejtin*
*Mal-Ħandaq imwerwrin,*
*Jixxehru, jitniehdu mwaħħxin.*
*U jibku mħabbithom, ħajjithom, il-jiem misruqin?*
*Instama' tar-riħ it-twerdin,*
*U maż-żingu l-qtajriet tax-xita neżlin...*

*Riħ, xita u ksieħ*
*Fil-Ħandaq il-lum,*
*Rajt il-ġebel qed jaqa' biċċiet,*
*U tħassar ix-xita tal-lapis l-ismijiet,*
*L-aħħar xhieda ta'* dawk *it-tifkiriet;*
*U minn fuq tal-kanuni l-witiet*
*Għadda l-bidwi bil-moħriet...*
*Leħen moħbi dewa minn ġol-wied:*
"Who goes there?"
"*Riħ, xita u ksieħ,*
*U s-saħħa, m'hix mibdula, tal-għoljiet!*"

W. Gulia.
(Student, Kors tal-Letteratura)

(1) Din il-Batterija kienet ma' tul l-1942-43 tħares minn fuq il-għoljiet tal-Ħandaq għal fuq l-ajrudrom ta' **Ħal Luqa**. **Kemm-il** darba l-għadu ħabat għaliha, u kemm-il darba hija ħabtet għall-għadu u qorditu.